# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-1 ta' Diċembru 2020

**Rik. Gur. Nru.: 145/2019/2 JPG**

**GB**

**vs**

**AB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GB, datat 3 ta' Gunju, 2020 a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi l-kontendenti zzewgu nhar 28 ta' Gunju 1990 minghajr kitba taz-zwieg u ghalhekk permezz taz-zwieg taghhom il-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-partijiet bhala ir-regim matrimonjali li jirregola il-proprjeta' taghhom;*

2) *Illi huma ma kellhomx tfal;*

3) *Illi l-partijiet ilhom jghixu separati minn April 2017;*

4) *Illi l-partijiet ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament u z-zewg partijiet ghandhom l-impjieg separat taghhom;*

5) *Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet. Minkejja illi llum il-partijiet jghixu hajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozjonalment, il-waqfien tal-komunjoni jgib il-beneficcju li l-partijiet jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll – a fortiori in vista tal-indipendenza surriferita – li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel;*

6) *Illi ghalhekk l-konvenuta mhux sejra issofri xi pregudizzju, u certament mhux ser issofri minn xi pregudizzju sproporzjonat f' kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;*

7) *Illi ma hemmx raguni 'l ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tibqa' fis-sehh.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

i. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan a dispozizzjoni tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Tordna illi s-sentenza hekk mghotija tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan a dispozizzjoni tal-artikolu 55(5) tal-istess Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta;*

iii. *Tiddikjara illi l-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.*

*U dan taht dawk il-provedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha taghti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' AB, datata 24 ta' Gunju 2020, a fol 11 li taqra hekk:

1. *Illi hija topponi għat-talba tar-rikorrenti u dana peress li jekk din it-talba tintlaqa hija ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat kemm-il darba il-komunjoni tal-akkwisti, sal-lum viġenti bejniethom, titwaqqaf f'dan l-istadju u dana għas-segwenti raġunijiet:*

    a. *Il-partijiet għandhom diversi negozji li saru fiz-zwieg li l-intimat jiggestixxi f'kumpaniji u f'ismu waħdu u fis-sħab ma terzi, liema negozju*

*l-esponenti qatt ma kellha sehem attiv fih għax l-intimat dejjem għazel li jaħbi minn martu; u sal-llum hija ma taf xejn x'għandhom u x'ma għandhomx f'dawn in-negozji;*

b. *Illi l-esponenti għandha interess li dak kollu li jigi generat minn negozju li jagħmel l-intimat, li nbeda fiz-zwieġ jibqa jidħol fil-kommunjoni;*

c. *Illi jekk tintlaqa t-talba tar-rikorrenti allura l-esponenti ser tbati l-pregudizzju illi hi ma jkollhiex kontrol fuq in-negozju tagħhom; id-dħul li jiġi generat ma jibqax jidħol fil-kommunjoni; u l-intimat kif diġa għamel, jarrekkixxi ruħu b'sehem l-esponenti;*

d. *Illi s-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l- waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat". Dana ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Jael Cassar vs. Robert Cassar u wkoll fil-kawża fl-ismijiet Martin Bezzina Wettinger vs. Michella Bezzina Wettinger.*

e. *Illi l-esponenti tirreferi għas-segwenti sentenza u ċioe: "b'sentenza mogħtija fl-ismijiet Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:- "In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lil parti jew oħra li "f'kull żmien: matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il- waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi.......t-talba għall-waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

f. *ILLI tali terminazzjoni tal-kommunjoni tal-assi hekk mitluba mir-rikorrenti ser ikun a beneficcju tieghu biss, u a detriment tal-esponenti minhabba l-ingurja kbira u l-qerq li b'mala fede tenut kont il-mod kif huwa ggestixxa u għad jiggestixxi n-negozju li għandhom il-partijiet u*

*huwa għalhekk li bit-talba rikorrenti jekk tintlaqa, l- esponenti tkun qed tbati pregudizzju mhux proporzjonat sabiex hija tkun tista tirkupri sehema;*

g. *ILLI ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it- talbiet rikorrenti minhabba r-ragunijiet moghtija f'din ir- risposta, partikolarment ai termini tal-Artokolu 55(4) minhabba li l-esponenti ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda; u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet t-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza wara talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti maghmula mill-attur ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> **"*Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawżata' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*"**

Ir-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> **"*Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*"**

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui nega."***

Il-konvenuta qed toggezzjoni ghat-talba tal-attur u ssostni illi jekk din it-talba tintlaqa' hija ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Hija targumenta illi l-partijiet ghandhom diversi negozji li saru fiz-zwieg u li l-attur jiggestixxi f'kumpaniji f'ismu wahdu u fi shab ma' terzi, f'liema negozji hija qatt ma kellha sehem attiv u sal-llum ma taf xejn dwar x'ghandhom u x'm'ghandhomx. Hija ghalhekk isostni illi jekk tintlaqa' t-talba m'hijiex ser ikollha kontroll fuq in-negozju, apparti illi d-dhul iggenerat ma jibqax jidhol fil-komunjoni u l-intimat jarekkixxi ruhhu b'sehem l-intimata.

Il-Qorti tirrileva illi kemm il-darba l-konvenuta jirnexxilha tipprova illi l-kumpaniji in kwistjoni gew formati waqt iz-zwieg tal-partijiet, ikunu disponibbli ghaliha r-rimedji provduti lil azzjonisti ta' kumpanija bhala membru *opis legis* tal-istess kumpaniji.[1] Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bl-ebda mod ma jaffetwa d-drittijiet tal-konvenuta bhala azzjonista ta' dawn il-kumpanija, liema drittijiet huwa salvagwardjata permezz ta' proceduri intizi proprju ghal dak l-iskop.

Dan apparti illi, indipendentement minn dan, il-ligi tqieghed ukoll a disposizzjoni tal-konvenuta diversi mizuri li hija tista' tuza sabiex tipprotegi l-interessi taghha u tikkawtela l-pretensjonijiet taghha, u cioe d-diversi mandati kawtelatorji illi hija tista' tintavola kontra l-attur. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax li l-konvenuta ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat jekk it-talba tal-attur ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwista tigi milqugha.

[1] Ara f'dan ir-rigward **Michael Debono et vs Mario Debono**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 28 ta' Gunju 2012, u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Civili fit-28 ta' Gunju 2013; **John Cauci vs George sive Gino Cauchi,** Prim;Awla tal-Qorti Civili deciza

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna li din l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tkun komunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**